MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 562/2006

**Raymond Calleja**
**(I.D. Nru. 120768 (M))**

**vs**

**United Automobile Limited (C – 5845) proprio u bhala agent u mandatarja tas-socjeta` estera Adam Opel GmbH tal-Germanja**

l-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat fuq indikat datat it-22 ta' Gunju, 2006, li permezz tieghu r-rikorrenti sejjah lis-socjeta` ntimata proprio et nomine quddiem din il-qorti biex wara li ppremetta sintetikament is-segwenti:

1. Illi fil-15 ta' Jannar, 2005, ir-rikorrenti xtara vettura tal-marka Opel, mudell Tigra, minghand is-socjeta` ntimata, koperta bil-garanzija rilaxxata mis-socjeta` estera

Opel indikata fl-okkju tal-kawza odjerna, liema vettura ggib in-numru ta' registrazzjoni TOO – 002;

2. Illi r-rikorrenti xtara l-imsemmija vettura ghall-prezz ta' tlettax –il elf, mija u ghoxrin Lira Maltin, (LM13,120.00), li thallas kollu mir-rikorrenti mal-kuntratt;

3. Illi l-istess vettura hekk mixtrija mir-rikorrenti kienet koperta b'garanzija ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar;

4. Illi fil-lejl bejn it-28 u d-29 ta' Dicembru, 2005, ir-rikorrenti kellu incident bil-vettura tieghu meta minhabba li l-magna attivat il-"*brakes*" fuq ir-roti ta' quddiem, il-vettura bdiet iddur u habtet go hajt;

5. Illi konsegwenza tal-istess, l-imsemmija vettura kellha diversi hsarat – kemm esterni, kif ukoll interni;

6. Illi l-incident in dizamina sehh minhabba difett intern fil-magna tal-vettura de quo meta allegatament kellha dak li gie msejjah mill-istess rikorrenti fuq indikat bhala "*water hammer*";

7. Illi konsegwenza tal-istess il-vettura de quo ma tistax tintuza u l-hsarat jammontaw ghal eluf ta' liri;

8. Illi l-vettura tinsab fil-pussess tas-socjeta` ntimata lokali;

9. Illi stante li l-vettura de quo ma kienitx tal-kwalita` pattwita peress li kellha difett mohbi, ir-rikorrenti jrid li l-kuntratt li bih xtara l-vettura in dizamina, jigi rexiss;

10. Illi nonostante li s-socjeta` ntimata kienet regolarment interpellata biex tirrexindi l-kuntratt de quo, din baqghet inadempjenti u konsegwentement kellha tigi ntrodotta din il-procedura;

Illi ghalhekk ir-rikorrenti qed jaderixxi din il-qorti biex:

i. Tiddikjara li l-vettura konsenjata lill-attur, senjatament l-Opel Tigra bin-numru ta’ registrazzjoni TOO – 002, mhix skont il-kwalita` pattwita u/jew kellha difett li jnaqqas il-valur taghha, u li ghal dawn in-nuqqasijiet huma responsabbli z-zewg kumpaniji ntimati peress li minhabba f’hekk ir-rikorrenti ma kienx jixtri l-vettura kieku kien jaf bl-istess difett;

ii. Tiddikjara u tordna li l-kuntratt ta’ bejgh tal-vettura de quo, jigi rexiss;

iii. Tordna lis-socjetajiet intimati, in vista tal-obbligazzjonijiet rispettivi taghhom, jirrifondu lir-rikorrenti s-somma ta’ tlettax –il elf mija u ghoxrin Lira Maltin, (LM13,120.00), rapprezentanti spejjez minnu nkorsi ghall-akkwist tal-istess vettura meritu tal-kawza odjerna;

iv. Bl-ispejjez u bl-interessi dovuti skont il-ligi mid-data tal-prezentata tar-rikors promotur;

Rat ir-risposta tas-socjeta` United Automobile Limited proprio datata d-29 ta’ Settembru, 2006, li permezz taghha din is-socjeta` lokali sintetikament wiegbet is-segwenti:

1. Illi hi mhix l-agent u mandatarja tas-socjeta` estera Adam Opel GmbH tal-Germanja;

2. Illi din ir-risposta hi limitata ghad-difiza tas-socjeta` intimata lokali biss;

3. Illi r-rikors promotur hu null stante li konfuz, ghaliex ir-rikorrenti qieghed jew jittanta zewg azzjonijiet diversi fl-istess azzjoni, senjatament dik *redhibitoria* ai termini tal-artikolu 1427 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dik kontemplata fl-artikolu 1390 tal-istess Kap, jew il-wahda jew l-ohra;

4. Illi dan iwassal fid-diffikulta` tas-socjeta` ntimata li tirrispondi ghat-talbiet imressqa mir-rikorrenti kemm fl-alternattiv kif ukoll konguntivament;

5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` ntimata ma naqset taht l-ebda wahda mill-azzjonijiet proposti mir-rikorrenti fuq indikati;

6. Illi di piu`, l-*actio redhibitoria* hi insostenibbli stante li l-vettura ma kienitx milquta minn ebda difett mohbi;

7. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, in kwantu ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 1390 tal-Kap 16 fuq citat, din ukoll hi nsostenibbli stante li l-vettura kienet ilha konsenjata lir-rikorrenti mill-15 ta' Jannar, 2005, u ma tressaq l-ebda ilment ta' din ix-xorta lis-socjeta` ntimata hlief wara l-incident awtomobilistiku li sehh bejn it-28 u id-29 ta' Dicembru, 2005;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat it-23 ta' Frar, 2007, li permezz tieghu ipprova jikkjarifika r-rikors promotur tieghu fid-dawl tar-risposta tas-socjeta` ntimata;

Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat it-3 t'April, 2007, fejn wara li stabbiliet li regghet rat ir-rikors u d-digriet precedenti taghha;

1. Ordnat lir-rikorrenti biex jiddikjara fiz-zmien lilu hemm moghti fuq liema miz-zewg eccezzjonijiet minnu msemmija kien ser jistrieh;

2. Cahdet it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` ntimata, (ara fol 28 u 31);

Rat ir-risposta tas-socjeta` ntimata ghar-rikors tar-rikorrenti tat-23 ta' Frar, 2007, datat it-8 ta' Mejju, 2007, fejn filwaqt li tinnota b'dispjacir li l-qorti diversament preseduta ppregudikat il-kwistjoni hawn sollevata billi jirrizulta li ddecidiet il-vertenza hemm sollevata qabel ma semghet il-versjoni tas-socjeta` ntimata fir-rigward, u nonostante cio` l-istess socjeta` ntimata nsistiet fuq it-tieni eccezzjoni taghha, (ara fol 38);

Rat in-nota tar-rikorrenti datata t-8 ta' Marzu, 2007, li permezz taghha rtira l-procedura kontra s-socjeta` United

Automobile Limited bhala agent u mandatarja tas-socjeta` estera Adam Opel GmbH tal-Germanja u zamm il-kawza fil-konfront tas-socjeta` United Automobile Limited, (ara fol 39);

Rat id-digriet ta' din l-istess qorti diversament preseduta datat is-7 ta' Jannar, 2008, li permezz tieghu hatret lil Mario Magri bhala perit tekniku biex:

1. Jezamina l-magna tal-vettura meritu tal-procedura odjerna; u

2. Jirrelata bil-miktub bis-soliti fakultajiet;

3. Jisma' x-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata t-12 ta' Novembru, 2009;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` United Automobile Limited, (erroneament hemm indikata pro et noe), datata l-21 ta' Dicembru, 2009;

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku fuq indikat datata s-16 ta' Marzu, 2010;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ulterjuri tal-partijiet rispettivament datati t-30 ta' Marzu, 2012 u t-2 ta' Mejju, 2012;

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat il-5 ta' Gunju, 2012, li permezz tieghu nfurmaw lill-qorti li ma kellhom xejn aktar xi jzidu man-noti rispettivi taghhom;

Ezaminat ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi r-rikorrenti xtara l-vettura meritu tal-kawza odjerna minghand is-socjeta` ntimata fil-15 ta' Jannar, 2005, ghall-prezz ta' tlettax –il elf, mija u ghoxrin Lira Maltin, (LM13,120.00);

2. Illi l-istess vettura kienet koperta b'garanzija ta' erbgha u ghoxrin xahar;

3. Illi r-rikorrenti kellu ncident bil-vettura tieghu fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Dicembru, 2005;

4. Illi r-rikorrenti jsostni li dan l-incident sehh minhabba li l-vettura de quo kellha l'hekk imsejjah "*water hammer*" li minhabba f'hekk il-magna attivat il-"*brakes*" fuq ir-roti ta' quddiem biex il-vettura bdiet iddur u finalment habtet ma' hajt;

5. Illi konsegwenza tal-istess, din il-vettura sofriet danni ingenti;

Ikkunsidrat:

Illi r-relazzjoni peritali mposta sintetikament wasslet ghas-segwenti konkluzjonijiet:

1. Illi fil-hin tal-incident in dizamina tal-lejl bejn it-28 u d-29 ta' Dicembru, 2005, ma kienitx xita;

2. Illi dan il-fatt tan-nuqqas ta' xita wassal lis-"*surveyor*" involut biex jikkonkludi li l-kawza tal-incident de quo effettivament:

" … ma setax kien "*water hammer*" ghax dak inhar ma kienx hemm ilma sabiex dan jigi kkawzat, (ara fol 112)";

nonostante l-fatt li dan xorta jista' jigri jekk il-vettura jkun dahlilha xi ilma, (ara wkoll fol 112);

3. Illi effettivament minn ezami tal-magna bil-"*computer*" u minn ezami tas-"*sensor*" relattiv irrizulta li

nghatat indikazzjoni li fil-fatt kien dahal ilma fil-magna de quo, (ara fol 113);

4. Illi minn ezami tekniku tal-istess magna rrizulta li l-hsarat fl-istess magna kienu ikkawzati mill-"*pistons*" numru 2 u 3 – fejn ta' l-ewwel irrizulta kompletament imkisser u l-iehor mghawweg;

5. Illi l-"*pistons*" numri 1 u 4 kienu intatti;

6. Illi ma jirrizultax pero` li l-vettura kellha xi difett mohbi fil-mument tal-akkwist u dan kien assodat kemm mill-fatt li kemm damet ghand ir-rikorrenti dan hadha ghas-"*service*" diversi drabi ghand l-istess agenti tal-karozza, kif ukoll mill-fatt li ma saret l-ebda refrenza ta' x'seta' kien dan id-difett mohbi allegat;

7. Illi ghaldaqstant l-istess perit tekniku stabbilixxa:

i. Illi l-hsara li garrbet il-vettura in dizamina kienet ikkawzata minn " … gbid ta' ilma jew "*minor water hammer*";

ii. Illi dan ilma hu estraneu ghall-vettura;

iii. Illi dan sehh fil-magna ftit jiem qabel id-data tal-incident;

iv. Illi dan ikkawza kemm il-habta kif ukoll il-hsara sofferta mill-vettura de quo;

v. Illi ma rrizultat l-ebda prova jew xhieda li b'xi mod jindika li l-vettura ma kienitx skont il-kwalita` pattwita meta nbieghet mis-socjeta` ntimata lir-rikorrenti;

vi. Illi ma jirrizulta l-ebda difett mohbi li jnaqqas il-valur tal-istess vettura meta din kienet ikkonsenjata lir-rikorrenti mis-socjeta` ntimata;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti m'ghandha l-ebda raguni ghaliex m'ghandhiex taccetta l-konkluzjonijiet peritali fuq sintetikament esposti u konsegwentement qed taghmilhom taghha;

Illi in vista tal-premess jirrizulta sodisfacentement assodat is-segwenti:

1. Illi l-vettura in dizamina kienet qed tigi regolarment uzata mir-rikorrenti ghall-perijodu ta' kwazi sena;

2. Illi f'dan il-perijodu r-rikorrenti ma jirrizultax li kellu xi lamentali x'jindirizza fil-konfront tas-socjeta` ntimata;

3. Illi s-"*service*" li ghalih l-istess vettura kienet sottoposta mis-socjeta` ntimata qatt ma ta kors ghal lamentali f'xi rigward da parti tar-rikorrenti;

4. Illi di piu`, l-perit tekniku nominat eskluda li l-ilma riskontrat seta' kien gej mill-magna jew minn xi dispersjoni interna ta' xi lubrikant;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tar-rizultanzi teknici fuq esposti ghandu jkun pacifiku li hawn mhux il-kaz ta' difett mohbi, u konsegwentement ikun inutili u kontroproducenti li wehed jippersisti fir-rigward;

Illi ghalhekk hi l-fehma konsiderata ta' din il-qorti, li wara ezami dettaljat tar-rizultanzi fuq sintetikament esposti, it-tezi tar-rikorrenti ma treggix stante li l-ebda difett mohbi ma gie ippruvat u kwalunkwe manumissjoni teknika rizultanti ma tirrizultax konnessa mas-socjeta` ntimata izda pjuttost mal-istess rikorrenti;

Illi ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li takkolji r-risposta tas-socjeta` ntimata fis-sens li ma jirrizulta l-ebda difett mohbi li seta' kkaguna l-incident in dizamina, tirrespingi t-talbiet

kollha tar-rikorrenti Raymond Calleja, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

______________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------